**QORTI TAL-MAGISTRATI (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikoli 17, 31, 48A, 49, 50, 83A(1), 86, 87(1)(e), 261(a)(b)(c), 262(1)(a)(b), 263(b), 267, 275, 277(b), 279(b), 280(2) u 533 tal-Kapitolu 9 u Artikoli 5(1), 51(2) u 55(a) tal-Kapitolu 480, tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

*Kumpilazzjoni Nru: 296/14*

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs**

**DAREN DEBONO**
**(ID: 247477M)**

**VINCENT MUSCAT**
**(ID: 252562M)**

**ALFRED DEGIORGIO**
**(ID: 541264M)**

**Illum, 9 ta' Settembru, 2015.**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputati **DAREN DEBONO** ta' 36 sena, iben Paul u Josephine nee' Mifsud, imwieled Pieta' nhar is-27 ta' Mejju, 1977, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 247477(M);

U

**VINCENT MUSCAT** ta' 52 sena, iben Anthony u Carmela nee' Baldry, imwieled Birkirkara nhar il-5 ta' Marzu, 1962, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 252562(M)

U

**ALFRED DEGIORGIO** ta' 49 sena, iben Lewis u Josephine nee' Bezzina, imwieled Marsa nhar l-24 t'Ottubru, 1964 detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 541264(M)

gew imressqa quddiemha u akkuzati talli fis-26 ta' Marzu 2004 ghall-habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar (4pm), fl-istabbiliment kummercjali tas-socjeta' Valhmor Borg Import/Export Ltd. fi Triq Pinto, Marsa,;

1. Ikkommettew serq ta' flus kontanti w cekkijiet, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, u bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Ewro w sebgha w tletin centezmu (€2,329.37), u li sar ghad-dannu tas-socjeta' Valhmor Borg Import/Export Ltd. u/jew ta' xi persuna/i u/jew xi entita' u/jew entitajiet ohra;

2. Talli barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw diversi persuni kontra l-volonta' taghhom, liema delitt sar bi hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra, jew biex persuna ohra tkun imgieghla taccetta li taghmel xi trasferiment ta' hwejjigha;

3. Aktar, talli filwaqt li kienu qed jaghmlu delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellhom fuqhom armi tan-nar, armi regolari, imitazzjoni t'armi tan-nar jew imitazzjoni t'armi regolari;

Akkuzati wkoll talli nhar is-26 ta' Marzu, 2004 ghall-habta ta' l-erbgha ta' wara nofsinhar (4pm), u/jew fil-jiem ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer:

4. Zammew f'xi fond jew kellhom fil-pussess taghhom, taht il-kontroll taghhom jew garrew barra minn xi fond, xi arma tan-nar, jew munizzjon, elenkati fl-Iskeda II tal-Kapitolu 480 (Att Dwar l-Armi) minghajr ma kellhom licenza taht l-istess Att;

5. Assocjaw ruhom ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta, cioe' serqa aggravata, fost ohrajn, bil-vjolenza (*hold-up*) fl-istabbiliment kummercjali tas-socjeta' Valhmor Borg Import/Export Ltd. Fi Triq Pinto, Marsa, liema delitt fil-fatt twettaq nhar is-26 ta' Marzu, 2004, u li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija;

6. Iktar, talli ppromwovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw ghaqda ta' zewg persuni jew aktar bil-hsieb li jaghmlu reati kriminali, cioe' serqa aggravata, fost ohrajn, bil-vjolenza (*hold-up*) fl-istabbiliment kummercjali tas-socjeta' Valhmor Borg Import/Export Ltd. Fi Triq Pinto, Marsa, liema delitt fil-fatt twettaq nhar is-26 ta' Marzu, 2004, u li ghalih jistghu jehlu l-piena ta' prigunerija ghal zmien erba' snin jew iktar.

Lil Daren Debono u Vincent Muscat, wahedhom, akkuzati wkoll:

7. Talli rrendew rwiehom recedivi ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi definittivi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta).

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid tat-tliet imputati a fol 4 et seq, tliet fedini penali tal-imputati a fol 7 et seq, erba' stqarrijiet a fol 16 et seq u Proces Verbal a fol 40 tal-process.

**Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef datat 21 ta' April 2014 u b'mod permanenti b'digriet tal-20 ta' Novembru 2014 u ghalhekk din il-kawza damet pendenti quddiemha biss ghal perijodu ftit 'il fuq minn sena.**

**Il-Qorti tirrileva wkoll li ghalkemm il-*hold up* li bih gew akkuzati l-imputati sehh f Marzu 2004, l-akkuzati tressqu l-Qorti biss f'Marzu 2014 u ghalhekk ghaxar snin wara.**

Semghet ix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni fil-kumpilazzjoni.

**PS 836 Alex Taliana** xehed fil-5 ta' Awissu, 2014 fejn gie muri l-istqarrija esebita f'dawn l-Atti a fol 7, liema stqarrija giet rilaxxata fl-erbgha (4) t'April, 2004 minn Alfred Degiorgio u dana fil-presenza ta' l-Ispettur Jeffrey Cilia. Huwa gharaf lil Alfred Degiorgio bhala l-imputat fin-nofs fuq il-Bank tal-Qorti. Ix-xhud gharaf il-firma tieghu u dik tal-Ispettur Cilia fuq din l-istqarrija.

Ix-xhud gie muri stqarrija ohra rrilaxxata minn Daren Debono nhar it-tmienja (8) t'April, 2004, liema stqarrija tinsab inserita fl-Atti a fol.8. Huwa gharaf il-firma tieghu u dik tal-Ispettur Cilia. Huwa ndika lill-Qorti illi Daren Debono huwa l-ewwel wiehed (1) fuq in-naha tax-xellug tal-Qorti. Ix-xhud ikkonferma illi qabel ma gew irrilaxxati dawn l-istqarrijiet l-imputati nghataw is-solitu twissija u l-fakulta' li jkellmu Avukat.

**L-Ispettur Joseph Mercieca** xehed fil-5 ta' Awissu, 2014 fejn esebixxa sentenza moghtija fil-konfront ta' Anthony Gafa' liema sentenza nghatat mill-Magistrat Antonio Mizzi nhar is-26 ta' April, 2004. Dan id-dokument gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument CSH.

**Anthony Gafa'** xehed fis-26 t'Awissu 2014 fejn iddikjara li huwa kien impjegat tas-Socjeta' Valhmor Borg *Import/Export* li tinsab Triq Pinto, Marsa u dan ghal perjodu anticidenti ghal Marzu, 2004. Huwa dam fl-impjieg maghhom ghall-kwistjoni ta' xhur. Fil-fatt huwa kien jahdem bhala xufier, fis-sens ta' *delivery-man.*

Ix-xhud jiftakar li effettivament fis-sena elfejn u erbgha (2004) huwa kien gie mitkellem mill-Pulizija. Huwa tenna li kien gie akkuzat in konnessjoni mal-kaz odjern u fil-fatt kien gie akkuzat li kien komplici f'dan l-istess *hold-up* li sar ghad-detriment tas-socjeta' Valhmor Borg. Huwa stqarr illi fil-fatt kien irregistra ammissjoni u kien inghata l-piena tieghu. Illum il-kawza tieghu tinsab deciza b'mod definittiv.

Jiftakar li kien irrilaxxa stqarrija in konnessjoni ma' dan il-kaz. Huwa kkonferma dak li kien stqarr mal-Pulizija u cioe' li effetivament huwa kien johrog ibiegh il-laham u tal-laham li kien ibiegh, kien jigbor il-flus. Ix-xhud spjega li fl-ahhar tal-gurnata kien ipoggi dawn il-flus f'borza tal-HSBC bl-ghan li jigu depozitati l-Bank. Huwa kkonferma dak li kien qal lill-Pulizija li l-flejjes huwa jghaddihom lir-rappresentanti tal-*Accounts Department* ta' Valhmor Borg. Kien qal ukoll lill-Pulizija li huwa kien ta xi nformazzjoni lil terzi persuni u fil-fatt kien ammetta li huwa ppartecipa f'dan il-*hold-up.*

Mistoqsi jekk jiftakarx xi diskors li huwa kien qal lill-Ufficjal Investigattiv l-Ispettur Cilia li effettivament tliet (3) gimghat qabel ma saret din il-*hold-up* kien sabu persuna maghruf bhala t-'Topo' u staqsieh jekk ghadux jahdem ma'Valhmor Borg u wiegbu li fil-fatt kien ghadu jahdem hemm,

wiegeb li ma jiftakarx dan id-diskors . Lanqas ma jiftakar li dan 'it-Topo' effettivament kien qallu li huma kienu bi hsiebhom jaghmlu xi *hold-up* fuq *Security* tal-*Group Four* li jigbor il-flus minghand Valhmor Borg. Huwa kkonferma li effettivament dan l-Ufficcju huwa kopert bil-*cameras*. Mistoqsi jekk huwa fil-fatt kienx qal hekk lil din il-persuna t-'Topo', wiegeb illi ma qallux, anzi qal li lanqas jiftakar li kien iltaqa' ma' din il-persuna maghrufa bhala 't-Topo'. Mistoqsi mill-Qorti jekk jafx min hi din il-persuna t-Topo, wiegeb li jafha, ghax hija mill-Marsa.

Mistoqsi jekk kienx jaf jekk it-'Topo' kellux karozza tal-kiri Hyundai, wiegeb illi ma jafx. Ikkonferma li kien spicca jahdem mas-socjeta' Valhmor Borg f'dak il-perjodu ta' Marzu 2004 u cioe' ftit wara li sar dan il-*hold-up.*

Mistoqsi jekk huwa jaghrafx minn hu l-'Kohhu' wiegeb illi ma jaghrfux, pero' jaf illi hemm persuna maghrufa bhala l-'Kohhu' ghax jismaghhom jghidu. Huwa qal l-istess haga dwar il-'Fulu' u cioe' li huwa ma jaghrfux pero' jaf li hemm bniedem maghruf bhala l-'Fulu'.

Mistoqsi jekk effettivament kienx jaghmel elfejn (LM2,000) lira fil-gimgha bejgh wiegeb illi gieli ghamilhom u gieli le w i kkonferma li bhala xufiera kienu sitta (6) w li kienu jaghtu l-flus lill-*Accounts Department* fl-ahhar tal-gurnata.

Huwa stqarr illi kien iltaqa' ma' tlieta (3) min-nies li l-laqam taghhom kien il-'Kohhu', il-'Fulu' w t-'Topo', pero' illum il-gurnata ma jafx min huma. Ix-xhud ikkonferma li jekk tkun fis-*Supermarket* ha tara l-ufficini peress li huma bil-hgieg u tara wkoll lil tal-*Group Four* jigbru l-flus. Huwa tenna li l-*Amico Bar* kien jinsab fuq il-pond il-Marsa u kkonferma li kienu ltaqghu hemmhekk il-Marsa.

Mistoqsi jekk il-'Kohhu' kienx gab karta bil-pjanta dwar it-taqsim tal-post tas-socjeta Valhmor Borg wiegeb li ma jiftakarx. Mistoqsi mill-Qorti jekk verament hemmx l-ufficini isfel u fuq bit-tarag, wiegeb illi iva hekk hu. Huwa sostna li qatt ma dahal fl-Ufficcju tas-Sur David Borg, pero' jaf li kien l-ufficcju ta' fuq. Ikkonferma li huwa kien sema' fuq din il-*hold-up* mill-ahbarijiet u min dakinhar 'il hawn ikkonferma li ma regax iltaqa' maghhom dawn in-nies.

Huwa sostna li sehmu qatt ma hadu. Ikkonferma pero' li effettivament kien hemm zmien meta' t-'Topo' kien icempillu. Stqarr illi llum-il gurnata huwa lit-'Topo' ma jaghrfux.

Illi f'din l-istess seduta tas-26 t'Awissu, 2015 l-Ufficcjal Prosekutur Joseph Mercieca iddikjara lix-xhud Anthony Gafa' bhala xhud ostili w kien ghalhekk li huwa pprezenta l-istqarrija li kien irrilaxxja l-istess Gafa', liema stqarrija tinsab esebita fl-atti a fol. 55 u hija datata 30 ta' Marzu 2004.

**Anthony Gafa**' rega' xehed fit-22 ta' Jannar, 2015 fejn qal li kienet ghadha kemm giet moqrija lilu l-istqarrija li kien irrilaxxa lill-Ispettur Cilia fis-sena elfejn u erbgha (2004). Meta staqsewh jekk riedx izid jew ibiddel xi haga minnha, qal li ma jiftkar xejn aktar illum il-gurnata.

**PC294 Robert Ebejer** xehed fis-26 t'Awissu 2014 u qal li hu 2004 kien stazzjonat ic-CID, fl-Ufficju ta' l-Ispettur Jeffrey Cilia.

Meta x-xhud gie mistoqsi jekk jiftakarx xi haga dwar il-*hold-up* li kien sar fl-Ufficini tas-socjeta' Valhmor Borg, il-Marsa x-xhud stqarr li jiftakar li fit-tletin (30) ta' Marzu, tas-sena elfejn u erbgha (2004) kien prezenti waqt l-Istqarrija li giet rrilaxxjata minn Anthony Gafa'. U appuntu dwar l-involviment tieghu dwar il-*hold-up* li kien sar gewwa s-Socjeta' Valhmor Borg.

Effettivament dan l-istess Anthony Gafa' dak iz-zmien kien jahdem mas-Socjeta' Valhmor Borg. Ix-xhud stqarr li dakinhar waqt l-Istqarrija Gafa' kien ta dettalji dwar kemm jigu depositati flejjes kuljum u dettalji dwar l-ufficini ta' l-istess Socjeta'. Ix-xhud qal ukoll li huwa kien semma' tlieta (3) min-nies fl-Istqarrija li kien irrilaxxa fosthom kien semma persuna maghrufa bhala l-'Kohhu', persuna ohra maghrufa bhala l-'Fulu' w jekk mhux sejjer zball kien semma lil certu Daren Debono.

Ix-xhud stqarr lia jiftakarx id-dettalji kollha ta' dan il-kaz, pero' jiftakar dak li kien gara ghaliex dakinhar qabel dahal jixhed qara l-*istatement* li kien irrilaxxa Anthony Gafa' fil-presenza tieghu.

**PS 165 Jason Gilson** xehed fis-26 t'Awissu 2014 u qal illi f'April tas-sena elfejn u erbgha (2004) kien stazzjonat ic-CID, fl-Ufficcju ta' l-Ispettur Jeffrey Cilia. Ix-xhud jiftakar illi kienet giet rilaxxjata stqarrija minn Vincent Muscat, liema stqarrija gharaf esebita f'dawn l-Atti a fol. 18 tal-Process. Ix-xhud gharaf il-firma tieghu, kif ukoll dik ta' l-Ispettur Jeffrey Cilia. Ix-xhud kompla jghid ukoll illi giet mghotija is-solitu' twissija qabel ma giet irrilaxxata din l-istqarrija u li gharaf lill-Imputat Vincent Muscat bhala l-persuna li rrilaxxat din l-Istqarrija.

**Nathalie Zahra** xehdet fis-6 t'Ottubru, 2014 fejn stqarret li ghaxar (10) snin ilu kienet ghamlet il-*beginners course* tal-*finger printing* hawn Malta. Sussegwentement, ghamlet l-*intermediate course* l-Ingilterra u dana mill-Istitut maghruf bhala Celtrix gewwa l-Ingilterra. Ix-xhud kompliet tghid li bdiet tahdem fil-*Malta National Laboratory* f'dan il-qasam. Giet nominata diversi drabi mill-Qrati bhala esperta tal-impronti digitali.

**Nathalie Zahra** regghet xehdet fis-17 t' Otttubru, 2014 w ikkonfermat li kienet giet nominata b'digriet ta' din il-Qorti kif preseduta u dana sabiex

tiehu l-impronti digitali tat-tliet (3) imputati odjerni. Ix-xhud qalet li fil-fatt qdiet l-inkarigu moghti lilha u *seduta stante* esebiet tliet (3) settijiet ta' impronti digitali u tal-pali relattivi li l-Qorti mmarkat bhala dokument CSH 1, 2 u 3 rispettivament. Tikkonferma li dawn gew mehuda mit-tliet (3) imputati odjerni. Ix-xhud dakinhar stess regghet irtirat dawn it-tliet dokumenti CSH 1, 2 u 3 kif ukoll l-impronti digitali li gew mehuda minn fuq ix-xena tad-delitt u dan sabiex taqdi l-inkarigu taghha u cioe' li taghmel komparazzjoni. Hija irtirat minn dawn l-atti a fol. 100 envelope kannella konsistenti f'lifters mehduda minn PC 1253 in konnessjoni ma' allegat *hold up* li sehh fil-fond Valhmor Borg, Pinto Road, Marsa.

**Nathalie Zahra** xehdet ukoll fis-17 ta' Novembru, 2014 u kkonfermat li kienet giet nominata b'digriet ta' din il-Qorti sabiex televa l-kampjuni tal-impronti digitali tat-tliet (3) imputati li gharfet prezenti fl-Awla u ghamlet *comparisons* ta' dawk l-istess kampjuni ma' dawk li gew elevati mix-xena tad-delitt. Ix-xhud *seduta stante* esebiet ir-relazzjoni taghha li giet immarkata mill-Qorti bhala dokument NZ.

Ix-xhud kompliet tistqarr illi mill-konkluzjonijiet taghha l-marki tal-impronti digitali tal-pali tal-idejn li jidhru fuq ir-ritratt 04AVH201 u fuq il-lifters 04AVH301 sa 04 AVH307 irrizultaw kollha fin-negattiv meta mqabbla mal-impronti digitali w il-marki tal-pali tal-idejn ta' Vincent Muscat, Daren Debono u Alfred Degiorgio. Konsegwentement kienet qieghda tirritorna d-dokumentazzjoni li fuqha ghamlet il-*comparisons* taghha.

Fil-fatt, irritornat ukoll l-esebiti li kienet irtirat minn dawn l-atti kif ukoll l-impronti digitali li hadet tal-imputati odjerni.

Sussegwentement l-espert **Nathalie Zahra** reghhet xehdet fit-18 ta' Dicembru, 2014 u esebiet relazzjoni ohra li giet immarkata mill-Qorti bhala

document NZ1. Tikkonkludi illi fil-fatt f'dan l-esercizzju ahhari li ghamlet hemm *comparison* posittiva fil-konfront ta' Alfred Degiorgio. Anzi hemm zewg (2) impronti li jaqblu m'id Alfred Degiorgio.

Il-*lifters* l-ohra pero' li gew ezaminati taw rizultat negattiv fil-konfront mal-impronti digitali ta' Vincent Muscat u Daren Debono w ix-xhud qalet li kien hemm xi *lifters* tal-impronti digitali li ma kienux tajbin sabiex issir il-komparazzjoni.

**Nathalie Zahra** xehdet ghall-ahhar darba fid-9 ta' Lulju, 2015 u spjegat li naturalment hija hadmet fuq ir-rapport li ghamel Jeffrey Hughes, l-espert nominat fl-inkjesta. Mistoqsija meta effettivament gew imhollija dawn il-*finger prints* minn mal-bibien u li effettivament hadmet fuqhom spjegat li ma tistax tghid.

**Arthur Guzman** xehed fis-6 t'Ottubru, 2014 ghan-nom u in rappresentanza tas-Socjeta' Valhmour Import Export Limited. Ix-xhud qal li fil-prezent jahdem maghhom fil-kariga ta' *Financial Controller* izda ghaxar (10) snin ilu kellu kariga differenti. Jiftakar li fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu, elfejn u erbgha (2004) kien diga' impjegat mas-socjeta' *Valhmor Borg Import/Export Limited*. Ix-xhud kompla jghid li dakinhar tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu kien bilqieghda fl-ufficcju tieghu, li jinsab f'Pinto Road, Marsa. Ghall-habta tal-erbgha (16:00) ta' wara nosinhar kienu dahlu tnejn (2) min-nies mghammdin. Meta x-xhud gie mistoqsi mill-Qorti kellhomx xi balklava jew kalzetta, qal li llum il-gurnata ma jiftakarx ghax ghaddew ghaxar (10) snin. Ix-xhud stqarr li wiehed minnhom kien mar fuqu u f'idejh kellu pistola waqt li iehor minn dawn l-irgiel mar fuq kollega tieghu, u jaf li l-persuna l-ohra kellha xi arma ohra speci ta' *rifle* ghax kienet kbira. Dawn talbuhom il-flus. Kompla jghid li quddiem il-kollega tieghu kien hemm xi flejjes u dan ghaliex dak il-hin kienu qeghdin jistennew lil tal-*Group Four* biex jigu jigbru l-flus. Ix-xhud stqarr li dak li

mar fuqu w talbu l-flus, tah daqqa ta’ *revolver* f’rasu ghax dam ma qam minn fuq is-*seat* tieghu. Ix-xhud kompla billi qal li meta qam minn fuq is-*seat* tieghu mar fuq l-iskrivanija l-ohra fejn kien hemm il-kaxxa tal-*petty cash* u l-persuna li tatu d-daqqa hatfet din il-kaxxa.

Meta gie mistoqsi mill-Qorti jekk jaghrafx il-persuna li marret fuqu, wiegeb li ma kienx f’posizzjoni li jaghrafha ghaliex din kienet mghammda kompletament. Il-kollega tieghu li kien fl-ufficcju kien jismu Silvan Ciscaldi u llum il-gurnata m’ghadux jahdem aktar maghhom. L-ufficcju taghhom jinsab fil-livell tal-*ground floor*.

Meta gie mistoqsi jekk jiftakarx kemm kien l-ammont, wiegeb li bejn cekkijiet u flejjes kien hemm madwar ghoxrin elf Lira Maltin (Lm 20,000). Meta x-xhud gie mistoqsi mill-Qorti jekk sofriex xi griehi f’dan l-incident, wiegeb li kellu daqqa fuq rasu pero’ ma marx ghand tobba.

**Charlotte Tarachand** xehdet fis-6 t’Ottubru, 2014. Qalet illi ghaxar (10) snin ilu hi kienet ghadha kunjomha Schembri. Ix-xhud qalet illi fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu, sena elfejn u erbgha (2004) kienet ghadha mpjegata tas-Socjeta' *Valhmour Borg Import/Export Limited*. Meta staqsewha jekk tiftakarx dak li kien gara dakinhar tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu, sena elfejn u erbgha (2004) qalet illi tiftakar li kienet qieghda tahdem fl-ufficcju u rat persuna diehla liebsa l-iswed. Ix-xhud qalet li effettivament il-persuna kienet koperta kollha bl-iswed u ma kien jidher xejn. Ix-xhud kompliet tghid li lilha ma kien kellimha hadd, u ratu mill-bieb. L-ufficcju taghha mhuwiex hdejn dak ta' Arthur Gusman. Ix-xhud stqarret li kienet tokkupa l-kariga ta' kaxxiera u fil-fatt ma kienitx fl-ufficcju fejn sar il-*hold up*. Ix-xhud kienet gol-hanut u riedet tfisser din il-persuna liebsa l-iswed dahlet mill-bieb tal-hanut fejn tkun hi bhala kaxxiera biex waslet fl-ufficcju ta' Arthur Gusman. Meta staqsewha jekk effettivament kienx hemm persuna

wahda jew tnejn qalet li ma tafx, taf li meta rat persuna wahda zgur li telqet tigri.

**Ivan Piscopo** xehed fis-6 ta'Ottubru, 2014 u qal kien jahdem fl-istores ta' *Valhmour Borg Import Export/Limited* u dana fil-perjodu ta' Marzu, sena elfejn u erbgha (2004). Mistoqsi jekk jiftakarx x'gara fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu, elfejn u erbgha (2004) ix-xhud qal li kien qieghed gewwa *container* jaghmel xi xoghol, hareg mill-*container* u sab persuna ma' wiccu u qallu biex ma jiccaqlaqx. Meta staqqsewh x'kienet libsa din il-persuna qal li ma jiftakarx pero' jaf li kellha wiccha mghammad. Meta staqsewh jekk dik il-persuna kellhiex xi armi f'idejha wiegeb illi ma jiftakarx.

**WPC 117 Sylvia Zahra** xehedet fis-6 t'ttubru, 2014 fejn giet mitluba sabiex taghti x-xhieda taghha dwar jekk l-imputati u cioe' Daren Debono, Vincent Muscat, u Alfred Degiorgio humiex detenturi ta' xi licenzja taht l-Att dwar l-Armi u stqarret li mir-ricerka fis-sistema tal-armi mizmuma mill-Kummissarju tal-Pulizija rrizulta illi Alfred Degiorgio mhuwiex registrat fis-sistema taghhom u kompliet tghid illi fis-sena elfejn u erbgha (2004) Daren Debono kien jghix il-Marsa u ghalhekk ma kellhiex access ghal tali nformazzjoni mis-sistema taghhom. Illum il-gurnata Daren Debono huwa registrat Marsascala, w ma ghandu l-ebda licenzja registrata f'ismu, pero' fis-sena elfejn u erbgha (2004) kien jghix il-Marsa.

**WPS 139 Chantelle Casha** xehedet fis-6 t'Ottubru, 2014 fejn giet mitluba sabiex tinforma l-Qorti jekk Vincent Muscat ghandux xi licenzja registrata taht l-Att dwar l-Armi registrati f'ismu ghas-sena elfejn u erbgha (2004) u tghid illi dana mhuwiex registrat fis-sistema taghhom u ghalhekk qatt ma kellu tali licenzja. Esebiet dokument mahrug ghal din il-fini li qed jigi mmarkat fil-Qorti bhala dokument WPS.

**WPS 159 Sharon Lackey** xehdet fis-17 t'Ottubru 2014 fejn qalet li giet mitluba sabiex taghmel ricerka jekk Daren Debono kellux licenzja ta' xi arma fis-sena elfejn u erbgha (2004) fejn stqarret li mir-ricerka li ghamlet Daren Debono kellu licenzja sabiex izomm senter ta' ghamla Tabar Serial Number 565831. Kompliet tghid li illum il-gurnata ma ghadux fuq ismu. Hija esebiet dokument mahrug mir-records taghhom li gie markat bhala dokument WPS.

**L-Ispettur Pierre Micallef Grimaud** xehed fis-17 t'Ottubru, 2014 u qal illi s-Surgent Investigattiv PS 1417 Stephen Tarpey illum m' ghadux maghna ghax miet u ghalhekk huwa kien qed jipprezenta l-okkorrenza relattiva mehuda minnu. Ix-xhud ikkonferma li effettivament kien sar rapport li kien sar *hold up* gewwa l-post maghruf bhala *Valhmor Borg Import/ Export Limited*, gewwa Triq Pinto, Marsa u dan nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu, elfejn u erbgha (2004). Din l-okkorrenza li giet immarkata bhala dokument PS tirrelata ghal dan l-istess incident. Esebixxa wkoll rapport maghmul minnu ghall-ftuh tal-inkjesta relattiva ghal din il-*hold up* u jghid li dan jinsab a fol. tlettax (13) tal-process verbal. Jikkonferma li fuq dan ir-rapport hemm il-firma tieghu u dan ir-rapport huwa datat sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu, tas-sena elfejn u erbgha (2004).

**Geoffrey Cilia** xehed fis-17 t'Ottubru 2014, fejn stqarr li meta kien qed jahdem fil-kariga ta' Spettur tal Pulizija kien ha sehem f'investigazzjoni. Meta gie mistoqsi biex jispjega x' kienet l-investigazzjoni tieghu in konnessjoni ma' *hold up* li kienet saret fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu, elfejn u erbgha (2004) fl-istabbiliment kummercjali *Valhmour Borg Import Export Limited*, Triq Pinto, Marsa x-xhud stqarr illi dakinhar huwa kien jokkupa l-kariga ta' *Duty Officer* gewwa s-CID u ghalhekk qal li hu kien l-investigatur principali f' din il-hold up. Ix-xhud stqarr illi naturalment illum qed jixhed mill-memorja ghaliex jinsab sospiz u m'ghandux access ghall-

*file* u ghalhekk certu dettalji naturalment ma jistax jixhed dwarhom peress li ghaddew ghaxar (10) snin.

Ix-xhud stqarr li effettivament hu kien diga' ressaq persuna in konnessjoni ma' dan il-*hold up*, u dejjem mill-memorja jghid li l-persuna li kien ressaq kienet ammettiet u kienet instabet hatja. Mistoqsi jekk ix-xhud kienx ha sehem fl-investigazzjoni odjerna li tikkoncerna lill-imputati odjerni stqarr li l-imputati odjerni kien investigahom kemm-il darba. Jaf li kien kellimhom fuq din l-investigazzjoni pero' ma jiftakar xejn aktar. Ix-xhud ghamel referenza a fol. 16 et seq tal-Process u qal li effettivament fuq dawn l-istqarrijiet hemm il-firma tieghu. Mistoqsi x'kien l-ezitu ta' dawn l-istqarrijiet qal illi ma jiftakarx. Muri stqarrija ohra a fol. 55 et sequitur tal-Process ix-xhud stqarr li din hija fotokopja ta' stqarrija jidher li hemm fotokopja tal-firma tieghu. Mistoqsi x'sar mill-originali ta' din id-dikjarazzjoni ix-xhud stqarr li ma jafx u fil-fatt ma giex mitlub jaghti il-*handover* tal-*files* tieghu.

Ix-xhud stqarr li ftit gimghat ilu sar jaf ukoll li dahal l-Ispettur Pullicino fl-ufficju tieghu u sgassalu l-*cupboard* fejn kien izomm l-esebiti tieghu u ghalhekk ma jistax jixhed aktar. Pero' x'kien qallu s-Sur Gafa' ukoll ma jiftakarx.

**Geoffrey Cilia** xehed ukolol fit-22 ta’ Jannar, 2015 fejn gie muri l-istqarrija esebita f’dawn l-atti a fol 55, liema stqarrija giet rilaxxjata minn Anthony Gafa’ nhar it-tletin (30) ta’ Marzu, 2004 meta huwa kien l-Ufficjal Investigattiv, u qal illi l-istqarrija kien hadha hu. Huwa kkonferma li fuq din l-istqarrija hemm il-firma tieghu fuq kull faccata.

**L-Ispettur Joseph Mercieca** xehed fis-17 t’Ottubru 2014 w esebixxa sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat Vincent Muscat nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Novembru, tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (1999)

liema sentenza nghatat mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Magistrat Miriam Hayman. Dan id-dokument qed jigi mmarkat bhala dokument JM. Ix-xhud stqarr li hemm l-istess konnotazzjonijiet tal-imputat odjern. Ix-xhud esebixxa sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Novembru, 1999 kontra l-imputat Daren Debono li giet immarkata bhala Dok. JM u sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar, 1995 kontra l-imputat Daren Debono wkoll li giet immarkata bhala Dok. JM1.

**Etienne Schembri** xehed fis-17 t'Ottubru, 2014 u kkonferma li fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu,sena elfejn u erbgha (2004) kien impjegat mas-socjeta' kummercjali *Valhmor Borg Import/Export* li tinsab gewwa Triq Pinto, Marsa u dana fil-kapacita' ta' Assistent Personali tad-Diretturi. Ix-xhud jghid li dakinhar kien qieghed fl-ufficcju tal-*Purchasing Department* u jiftakar li f'hin minnhom wara nofsinhar kien sema' hafna ghajjat pero' ma harigx mill-ufficcju tieghu. Meta gie mistoqsi mill-Qorti jekk kienx ra ghalfejn kien hemm dan l-ghajjat kollu f'dan l-ufficcju stqarr illi ma jafx ghax huwa ma ra xejn. Mistoqsi jekk martu kinitx tahdem hemm ukoll ix-xhud qal li iva hekk hu. Il-mara tieghu kienet Mariella Camilleri pero' dakinhar kienet isfel mhux mieghu.

**Is-Supretendent Raymond d'Anastas** xehed fis-17 ta' Novembru, 2014 fejn gie muri s-sentenza esebita f'dawn l-atti moghtija mill-Magistrat, dak iz-zmien, Dr. Patrick Vella nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar, elf disa' mija hamsa u disghin (1995), esebita fl-atti a fol. 98 u markata bhala dokument JM 1 fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Ivan Bartolo et'** u kkonferma illi din is-sentenza nghatat fil-konfront ta' Daren Debono li gharaf prezenti fl-Awla bhala l-imputat fuq in-naha tal-lemin tal-Qorti.

**Mariella Schembri** xehdet fis-17 ta' Novembru, 2014 fejn stqarret li kienet tahdem bhala *cleaner* fl-istabbiliment *Valmor Borg Import/Export Limited* gewwa Triq Pinto, Marsa f'Marzu, fis-sena  elfejn u erbgha(2004). Ix-xhud kienet gewwa ufficcju u tiftakar li kien jinsab *ground floor* u dana kien f'xi hin wara nofsinhar, meta semghet xi ghajjat u harget mill-ufficcju. Kompliet tghid illi rat tnejn (2) min-nies mghammda, taf li kienet pero' xi haga sewda. Mistoqsija jekk ratilhomx xi haga f'idejhom, ix-xhud wiegbet li le ma tiftakarx.  Meta giet mistoqsija jekk kienx hemm xi diskors qalet  hi wahedha harget mill-kamra.

**Silvan Ciscaldi** xehed fis-17 ta' Novembru, 2014 fejn stqarr li f'Marzu, tas-sena elfejn u erbgha (2004) kien jahdem mas-socjeta' *Valmor Borg Import Export/Limited* fi Triq Pinto, Marsa u dana bhala *accounts clerk*.  Ix-xhud jiftakar li f'hin minnhom kien qed jipprepara d-*deposits* kollha tal-*Miracle Food* u kien qed jistenna l-vann tal-*Group Four* sabiex jigi jigbor dawn il-flus u minflok ma gew tal-Group Four jaf li gew xi nies u ghamlu *hold up* fuq il-post. Fl-ufficcju fejn kien hu, jaf li dahlu tliet (3) irgiel u safejn jaf hu kellhom xi haga sewda f'rashom. Jaf li wiehed minnhom, dak li mar fuqu qallu biex jaghtih il-flus. Meta mistoqsi mill-Qorti jekk kellhomx xi haga f'idejhom qal li iva, t-tlieta (3) li huma kellhom l-armi f'idejhom.  Ix-xhud stqarr li dak li resaq vicin lejh ppuntalu l-arma vicin rasu w qallu biex jaghtih il-flus u x-xhud ghaddielu l-flus li kien hemm. Mistoqsi jekk kienx kapaci jaghraf lil dawn in-nies wiegeb li le ma jistax. Ix-xhud stqarr li kien hemm iktar minn tmintax-il elf Lira Maltin (Lm18,000) li ghadda lill-malvivent. Jikkonferma li ma sofra l-ebda griehi f'dan l-incident. Mistoqsi jekk il-flus in kwistjoni kienux kollha kontanti, ix-xhud stqarr li le kienu maqsumin, uhud *cheques* u whud *cash*, u kompla jghid li hu qed jibbaza dak li qal fuq il-memorja tieghu.

**L-Ispettur Christopher Pullicino** xehed fit-18 ta' Dicembru, 2014 fejn stqarr li una volta l-Ispettur Geoffrey Cilia kien gie sospiz mix-xoghol lilu

kienet ingibditlu l-attenzjoni li fl-ufficcju tal-Ispettur Cilia kien hemm xi files li kienu ghadhom miftuha w li effettivament kienu marbutin b'terminu ta' zmien, minhabba l-preskrizzjoni. Fosthom jaf li kien hemm dan il-file. Ingibdet l-attenzjoni tieghu mill-Ispettur Mercieca illi jekk dan il-file kien se jibqa' hemm gew kien se jiskadi t-terminu u ghalhekk kellhom johorguh minn dan l-ufficcju.

Ix-xhud kompla jghid li fuq ordnijiet superjuri, qatt ma dahal fl-ufficcju tal-Ispettur Cilia wahdu, dejjem dahal akkumpanjat minn haddiehor biex gabar il-files li kienu necessarji, w dan kien wiehed minnhom. Ix-xhud tenna li dan il-*file* in kwistjoni kien jinsab gol-*locker* bil-*hanging file* u ngieb minn dan il-*locker* u ma sar l-ebda sgass sabiex gie rtirat dan il-file. Ilum il-gurnata peress li dan l-ufficcju jkun hemm bzonn li jintuza minn haddiehor il-files li kienu urgenti tqassmu lill-Ispetturi l-ohra filwaqt li l-ohrajn li setghu jistennew ghadhom hemm pendenti ssigillati go kaxxi ghalihom go kamra fejn ma jidhol hadd.

Meta gie mistoqsi jekk jafx xi haga dwar xi dokumenti li kien hemm nieqsa minn dan il-*file* ix-xhud stqarr illi hareg mill-ufficcju dak li kien talbu johrog is-Sur Mercieca. Qasam faccata tal-ufficcju u dahal fl-ufficcju tas-Sur Mercieca u minnufih ghaddieh lis-Sur Mercieca.

**Antoine Buhagiar** xehed fit-18 ta’ Dicembru, 2014 fejn stqarr li kien jahdem ma’ Valhmor Borg Import/Export Ltd., fejn xi zmien ilu waqt li kien ghadu xoghol, kien hiereg mix-xoghol f’xi hin wara nofsnhar u ra hamsa (5) min-nies mghammdin li kienu qeghdin jaghmlu *hold up* fuq l-impjegati tal-ufficini ta’ Valmhor Borg. Meta gie mistoqsi jekk jaghrafx lil xi hadd minnhom, ix-xhud stqarr li le ghax kienu mghammdin. Ix-xhud qal li dak iz-zmien kien jaghmel xoghol ta’ *maintenance* u zied li wiehed minn dawn in-nies kien qallu biex jieqaf fejn kien u hu hekk ghamel, waqaf. Ix-

xhud kompla jghid li dan l-incident sehh (10) ghaxar snin ilu u meta gie mistoqsi x'tip ta'sigurta kien hemm fuq il-post stqarr li ma kienx jaf.

**Andrew Fenech** xehed fit-22 ta' Jannar, 2015 fejn qal li kien ghamel zmien jahdem mas-socjeta' *Valhmor Borg Import/Export*, Triq Pinto Marsa. Jghid li llum il-gurnata ghandu sebghin (70) sena u ghalhekk ilu rtirat disa' (9) snin. Jaf pero' li ftit qabel ma kien irtira mix-xoghol kien sehh incident partikolari. Stqarr li fuq ix-xoghol kien jaghmel kull ma kienu jqabbduh. Jiftakar li dakinhar kien fil-bitha fuq in-naha ta' barra, proprju fejn jipparkjaw il-karozzi, u kien ra vann diehel b'velocita' qawwija. Jaf li kien vann maghluq pero' l-kulur ma jiftakrux. Ix-xhud tenna li kien jaf li nftethet il-bieba tal-genb b'mod veloci, w li minnha hargu tlieta (3) jew erbgha (4) min-nies min-nies. Jaf illi kellhom wicchom mghammad pero' llum nesa kif kien mghammad. Wiehed minn dawn in-nies baqa' barra hdejh u kien xi hames (5) piedi l-boghod minnu u qallu biex ma jiccaqlaqx. Qal ukoll li dan f'idejh kellu arma li kienet *senter.*

Ix-xhud stqarr li effettivament hemmhekk kien hemm hgiega u tista' tara x'inhu ghaddej fl-ufficcju u jaf li dak beda jdur biex jara w isegwi x' kien ghaddej gewwa, u kull darba jdur lejh. Jghid li t-tlieta (3) min-nies l-ohra dahlu fl-ufficcju fejn ikun hemm il-*cash.* L-ohrajn pero' fl-ebda hin ma kellmuh. Mistoqsi mill-Qorti jekk jaghrafx din il-persuna, ix-xhud wiegeb illi le. Pero' jaf li kien ragel zgur.

**Geraldine Baldacchino** xehdet fil-21 ta' Mejju, 2015 hu spjegat li hija avukat u qed tixhed ghan-nom u in rappresentaza tal-MFSA. Esebiet dokument li gie mmarkat mill-Qorti bhala dokument MFSA, li huwa datat hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar, *two thousand and fifteen* (2015) dwar is-socjeta' Valhmor Borg Import/Export Limited. Tghid li dan id-dokument hargitu hi, wara li ghamlet ir-ricerka addebita.

**David Borg** xehed fil-21 ta' Mejju, 2015 fejn iddikjara li huwa kien jokkupa l-kariga ta' Direttur tas-Socjeta' Valhmor Borg Import/Export u dana fis-sena elfejn u erbgha (2004) u li dana d-direttorat huwa baqa' jzommu sas-sena elfejn u hdax (2011). Mistoqsi kemm kienu nsterqu flejjes mis-Socjeta' Valhmor Borg meta kien sar *hold up* ghaxar (10) snin ilu jew aktar spjega illi ma jafx, pero' jikkonferma li kien sar *hold up*.

Spjega li John Guzman kien impjegat maghhom bhala *refrigiration engineer* waqt li Arthur Guzman kien l-*accountant*. Fil-konfront ta' Silvan Ciscaldi spjega illi ma jiftakrux bhala haddiem taghhom.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar it-23 ta' Frar, 2015 (fol. 175) sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi fid-9 ta' Lulju, 2015 gew moqrija l-Artikoli w l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhomn jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda prodotta mid-difiza w cioe' lis-segwenti:-

**PS 659 Jeffrey Hughes** xehed fid-9 ta' Lulju, 2015 u spjega li qed jigi muri l-inkjesta, w partikolarment ir-relazzjoni tieghu nserita fl-atti a fol. 72 tal-PV, liema PV jinsab esebit fl-atti a fol. 40. Saritlu referenza proprju ghall-paragrafu tlettax (13) tar-relazzjoni tieghu, li jinsab a fol. 78 u gharaf li din ir-relazzjoni ma kinitx tieghu biss, izda hija kongunta.

Spjega li kien hemm zewg (2) vetturi nvoluti f'dan il-kaz. Spjega inoltre li f'pagna hamsa (5) paragrafu tnax (12) tar-relazzjoni tieghu a fol. 77 tal-atti hemm l-impronti li gew elevati minn vettura wahda. Dawk gew dokumentati bhala 04AVM, in-numru 301 huwa dak moghti mill-laboratorju. Peress li kellu karozza ohra fl-istess kaz u biex ma jkunx

hemm diffikulta' pogga l-*initials* tieghu JH u dan sabiex jaghmel distinzjoni bejn iz-zewg (2) vetturi.

Spjega li l-unika mpronta li kien sab kienet fuq il-hgiega fuq in-naha ta' gewwa u fuq kaxxa tas-CD li kien hemm fil-vettura. Huwa ma jistax jghid meta effettivament dawn gew impoggija mill-individwu.

**Victor Agius** xehed fid-9 ta’ Lulju, 2015 u spjega li l-imputat fil-bank tan-nofs jafu u spjega li fil-fatt huwa Alfred Degiorgio. Mistoqsi jekk jafux spjega li jafu ghaliex kien jikri xi karozzi minghandu. Il-kumpanija jisimha Compass Car Hire.

Semghet lill-partijiet jittrattw il-kaz u dan fis-seduta tad-9 ta’ Lulju 2015 fejn fl-istess seduta l-partijiet talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

**<u>Ikkunsidrat.</u>**

Illi *in breve* jirrizulta li nhar is-26 ta’ Marzu 2004 kien sehh *hold up* gewwa l-ufficcini tas-socjeta’ Valhmor Borg Import/Export Limited gewwa Triq Pinto, Marsa u dan min-numru ta’ nies mghammda w bhala rizultat ta’ dan il-*hold up* is-socjeta’ Valhmor Borg Import/Export Limited sofriet telf ta’ tmitnax-il elf lira Maltin (LM18,000). Din hija l-istess somma li giet mghoddija lill-malviventi minn Silvan Ciscaldi, liema somma ma giet kontestata minn hadd. Jidher li ghalkemm xehdu diversi mpjegati ta’ din is-socjeta’ hadd ma gharaf lill-imputati.

Ta’ min ifakkar li fi proceduri penali, l-*onus* tal-prova tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni matul il-kumpilazzjoni kollha, bhala regola generali, u hija l-eccezzjoni li d-Difiza trid tipprova xi haga.

Il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale*** *pg. 234 Vol III* jghid: *"Il cosi detto onero della prova, cioe il carico di fornirla spetta a chi accusa- onus probandi incumbit qui osservit* "

Illi ghalhekk m'hemmx dubbju li kollox jiddependi fuq kredibilita' tax-xhieda, u cioe' fuq dak li ddeponew ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni waqt li kienu fuq il-pedana tax-xhieda.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra sabiex taghmel ezami sewwa w bir-reqqa tal-provi mressqa quddiemha, u dan ghaliex wara li l-kaz gie moghti lilha mid-Direttur tal-Qorti hija ghexet il-process kollu, u hadet iz-zmien taghha biex tigbor u tisma' *viva voce* l-provi kollha, w ghalhekk setghet tikkontrolla l-kredibilita' u l-veracita' tax-xhieda prodotti quddiemha.

Illi l-Qorti ghamlet apprezzament tax-xhieda ai termini tal-**Artikolu 637(1)** tal-Kap 9, u dan billi qieset l-imgieba, l-kondotta u l-karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti w ta' fattizzi ohra tax-xhieda taghhom, u jekk ix-xhieda kinetx imsahha minn xhieda ohra, u rat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi dan il-*hold up* kien ilu li sehh zmien twil, u cioe' ghaxar snin qabel ma x-xhieda gew imsejha sabiex jixhdu. Illi dan id-dewmien zgur li mhux attribwibbli la lill-Qorti u wisq inqas lill-imputat, pero' zgur li kkreja disturb lejn l-amministrazzjoni tal-gustizzja w dan ghaliex wara dan it trapass kollu huwa difficli li xhieda jiftakru bi precizjoni dak li effettivament kien sehh, *molto piu*' meta tqis li tali esperjenza setghet irrizultat fi trawma f'certu nies, u ghalhekk ghamlu l-ghalmu taghhom biex insew esperjenza negattiva bhal din.

Id-difiza qed tallega li l-Prosekuzzjoni ma pprovatx il-kaz taghha sal-grad rikjest mil-Ligi u dan ghaliex l-istess xhud Anthony Gafa' li xehed wara li gie dikjarat bhala xhud ostili, mhux xi xhud kredibbli u x-xhieda tieghu m'hi korroborata mill-ebda prova ohra.

Kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Jason Lee Borg u Alan Camilleri</u>** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-15 ta' Gunju, 1998:

"*Provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe' mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda lkoll flimkien, ghal konkluzzjoni li kien l-akkuzat u hadd aktar, <u>anzi l-akkuzat biss</u>, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu nkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.* "

Fil-fatt skond sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sitta ta' Mejju, 1961 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil</u>** gie ritenut li:

"*l-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tant li tipprova fatt bi precizjoni matematika.*"

B'referenza ghal din il-kwistjoni ghandu jsir referenza ghal dak li nghad mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fis-sentenza li nghatat fid-9 ta' Gunju 1978 fl-ismijiet **<u>Police v Dawood Sayed Dawood Abd el Kaader</u>** fejn il-Qorti ghamlet referenza ghal dak li ntqal minn l-Imhallef rinomat **Lord Normand** fil-kawza fl-ismijiet **<u>Teper v The Queen [1952] AC 480, 489</u>**.

*"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

Kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fis-sentenza moghtija fis-17 ta’ Gunju 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs David Gatt:**

"*Provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf b'sensiela ta' ghoqiedi li jorbtu ma’ xulxin u li flimkien jwasslu fl-istess direzzjoni.*"

Huwa mperattiv li meta kaz jiddependi purament fuq prova cirkostanzjali, tali prova cirkostanzjali tkun univoka u mhux ekwivoka jew ambigwa. Trid tkun prova evidenzjali li torbot lill- akkuzat u lil hadd aktar hliefu u li l-provi kollha li tresqu fil-konfront tieghu huma nkompatibbli mal-principju ta l-innocenza tieghu.

Illi f’dan il-kaz l-uniku prova ckejkna li hemm hija x-xhieda ta’ persuna li qed tghid li kienet komplici fil-kaz ghalkemm mhux ko-akkuzata u ghalhekk aktar ‘il quddiem din il-Qorti sejra telabora aktar fuq ix-xhieda ta’ dan ix-xhud.

F'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghall-**Artikolu 639(3)** tal-Kapitolu 9 u cioe’:-

"*meta x-xhud wahdani kontra l-akkuzat ikun il-komplici u x-xhieda tieghu ma tkunx bizzejjed korroborata b'cirkostanzi ohra, ix-xhieda ta' dan ix-xhud wahdu ma tkunx bizzejjed biex l-akkuzat jigi misjub hati.*"

Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Maesta Taghha r-Regina vs John Bondin** datata 22 ta' Marzu, 1921, gie ritenut li din ir-regola statutorja (li fil-ligi Ingliza hi biss regola ta' prudenza):

"*twieldet minhabba l-perikolu li persuna tigi dikjarata hatja fuq ix-xhieda mhux konfermata ta' bniedem li 'ex admissis' hu kriminali.*

Dak li hu mehtieg hu xi prova addizzjonali li tirrendi probabbli li l-istorja tal-komplici jew ko-partecipi hi vera li hu ragonevolment *safe* li wiehed joqghod fuqha.

Illi l-kaz klassiku li fih giet formulata l-ligi Ingliza f'din il-materja kien **<u>Rex v Baskerville</u>** (1916 - 2.K.B. 658) fejn kien ritenut li:

"*it is sufficient if there is confirmation as to a material circumstance of the crime and of the identity of the accused in relation to the crime...it must be evidence which implicates (the accused)...*"

Illi ghalhekk kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs George sive Gino Bezzina</u>** nhar it-30 ta' Marzu, 1993, il-korroborazzjoni hi biss:

"*evidence which shows or tends to show that the story of the accomplice that the accused committed the crime is true, not merely that the crime has been committed, but that it was committed by the accused.*"

M'hemmx bzonn tkun tikkonsisti fi prova diretta li l-akkuzat ikkommetta r-reat; hu sufficjenti li l-prova korroboranti tkun anke merament cikostanzjali tal-konnessjoni tieghu mar-reat.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Novembru, 1944 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Maesta Taghha r-Regina v George Bezzina et</u>** li tghid:

"*meta l-uniku xhud kontra l-akkuzat huwa komplici fir-reat u x-xhieda tieghu ma tkunx sufficjentement korroborata minn cirkostanzi ohra, dik ix-xhieda tieghu ma hiex bizzejjed biex twassal ghal konvinzjoni ta' l-akkuzat. Imma l-korroborazzjoni mehtiega ma hiex fil-konferma b'xhieda ndipendenti ta' kull ma jghid il-komplici, huwa bizzejjed li jkun hemm xhieda indipendenti li tolqot lill-akkuzat u testendi li tikkonnettieh mad-delitt, jigifieri xhieda, diretta jew indizzjarja, li timplika lill-akkuzat u tikkonferma lil komplici f'xi partikolarita' mportanti li l-akkuzat ikkommetta d-delitt.*"

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza ohra moghtija fit-2 ta' Dicembru, 1998, mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulziija v John Said et** fejn gie ritenut li l-ligi trid li sabiex xhieda ta' komplici jkollha valur probatorju, din trid tkun korroborata sufficjentement minn provi ndipendenti f'cirkostanzi materjali li jwasslu mhux ghal veracita' tal-verzjoni ta' dik ix-xhieda fl-aspetti sostanzjali taghha izda li permezz ta' din il-korroborazzjoni tigi stabbilita *nexus criminis* bejn din il-verzjoni u l-akkuzat. Trid tkun korroborazzjoni li twassal bla dubju dettat mir-raguni, ghall-konvinciment morali li l-attivita kriminuza allegata minn Anthony Gafa' fix-xhieda tieghu verament giet imwettqa mill-akkuzati. Fin-nuqqas li l-Prosekuzzjoni tasal sa dan il-grad, allura l-kaz kontra l-imputati ma jreggix.

Il-Qorti rat ukoll in-noti tal-**Professur Mamo** dwar is-suggett ta' korroborazzjoni ta' kompartecipi u fil-fatt jghid is-segwenti:

"*the corroboration required is not corroboration of every thing the accomplice relates or of every material participation (vide **Rex v Bezzina** - Qorti Kriminali deciza 18 ta' Novembru, 1944) what is required is a corroboration by other circumstances considered sufficient by the jury (vide **Rex v Cuschieri** deciza 30 ta' Marzu, 1915) confirming not merely a*

*material particular of the witness's story, but some particular which convicts the person himself with it (vide* ***Police v Sammut*** *deciz 29 ta' April, 1946 mill-Qorti tal-Appell Kriminali****).***

Illi ghalhekk din il-Qorti zzid billi tghid li provi addizzjonali ma jridux ikunu necessarjament provi diretti, izda huwa bizzejjed jekk huma cirkostanzjali, bhal per ezempju x-xhieda ta' terza persuna, jew xi evidenza dokumentarja, jew ta' xi prova ta' xi cirkostanzi antecedenti. M'huwiex necessarju li x-xhieda korroborattiva tikkonsisti f'repulsjoni ta' xhieda u fatti bl-ezatt. Ghandu jinzamm test oggettiv fis-sens li *does the corroborative evidence provide independent evidence implicating the accused with the crime charged?*

Fil-fatt il-**Professur Mamo** jghid:

"*if the corroborative evidence is equally consistent with the innocence of guilt of the accused and therefore an inference cannot be safely drawn from it one way or the other, as if it fell short of corroboration in a material particular, it cannot be accepted as corroborative. In* ***Thomas v Jones*** *(1921 - I.K.B. 22) it was held that a number of facts none of which by itself amounts to corroborative cannot if regarded collectively become corroboration.*"

Anthony Gafa' ghalkemm kien maghruf lill-pulizija li kien involut fil-*hold up*, (u dan jirrizulta mir-rikors li pprezenta l-Ispettur Jeffrey Cilia fl-atti tal-inkjesta) ma xehedx. Jirrizulta pero' li kien irrilaxxja stqarrija nhar it-30 ta' Marzu 2004 waqt li kienu qed jingabru l-provi fl-inkjesta, liema stqarrija pero' ma gietx esebita fl-atti tal-inkjesta pero' llum tinsab esebita f'dawn l-atti stante li l-Prosekuzzjoni ddikjarat lil dan ix-xhud bhala xhud ostili. Illi ghalhekk din il-Qorti ghandha d-dover li tifli sewwa din l-istqarrija w taghmel ir-rimarki taghha fi stadju opportun.

Anthony Gafa' kien ikkonferma li kien jahdem bhal *salesperson/delivery man* mas-socjeta' derubata billi kien johrog ibiegh il-laham bit-trakk lill-klijenti tas-socjeta' derubata w jigbor il-flus tal-mercja li ikun biegh. Jghid li fl-ahhar tal-gurnata huwa kien jigbed iz-Z Reading, ipoggi l-flus go borza tal-HSBC flimkien mal-ircevuti, w jghaddihom lil tal-ufficcju. F'din l-istqarrija Gafa' jammetti li kien partecipi f'*hold up* li sar fuq l-impjegati tas-socjeta' derubata fejn kien jahdem hu. Jghid li kien iltaqa' ma' persuna maghrufa bhala t-Topo pero' ma jafx x'jismu ghalkemm huwa mill-Marsa. Qal li kien iltaqa' maghhom fil-vettura tat-Topo tal-ghamla Hyundai u mieghu kien hemm persuna ohra mgharufa bhala Censu il-Kohhu w persuna ohra maghrufa bhala l-Fulu. Qal ukoll li kien iltaqa' maghhom f'xi okkazjonijiet sussegwenti, dejjem fuq din il-materja, w li darba minnhom il-Kohhu kien sahansitrra anke ha mieghu pjanta tal-ufficcini tal-post peress li kien mar jixtri minn hemm qabel. Jghid li dakinhar tal-*hold up* pero' huwa ma kienx maghhom. Kien dahal ghax-xoghol, hadem il-gurnata kollha, u wara mar id-dar, u kien sema' bil-*hold up* minn fuq l-ahbarijiet. Jghid li ma kellux aktar kuntatt maghhom. Jghid li dwar uzu t'armi waqt dan il-*hold up,* ma tkellmux. Gie muri ritratt ta' persuna li jghid li huwa t-Topo, pero' dan ir-ritratt qatt ma gie esebit f'dawn l-atti w ghalhekk din il-Qorti ma tafx ghal-liema persuna qed jirreferi l-Ufficcjal Investigattiv meta staqsih fl-istqarrija tieghu dwar it-Topo.

Issa meta dan Gafa' xehed fil-Qorti nhar is-26 t'Awissu 2004, aktar minn ghaxar snin wara, jghid li verament kien jahdem mas-socjeta' derubata bhala *delivery/salesperson* u li efffettivament kien gie mitkellem mill-pulizija ghaxar snin qabel. Jghid li kien gie akkuzat ukoll li kien komplici f'dan il-*hold up* li kien sar fis-socjeta' Valhmor Borg, u li kien irregistra ammissjoni, w li l-kaz tieghu kien gie deciz b'mod definittiv. Jghid li vera kien iltaqa' ma' tliet persuni maghrufa bhala l-Fulu, l-Kohhu w it-

Topo, pero' llum il-gurnata ma jafx min huma w fil-fatt ghalkemm jghid li t-Topo kien icempillu dak iz-zmien tal-*hold up,* meta xehed ma setax jaghrfu.

Illi ghalhekk ix-xhieda ta' dan Gafa' hija xhieda dghajfa w zgur mhux bizzejjed sabiex il-Prosekuzzjoni sserrah il-kaz taghha. Din il-Qorti m'ghandha l-ebda prova li l-imputati huma l-istess tliet persuni li kienu jiltaqghu ma' Gafa' sabiex allegatament jiddiskutu l-*hold up* li kellu jsir u lanqas m'ghandha prova li effettivament dan il-*hold up* sar minn dawn it-tlieta min-nies li ltaqa' maghhom Gafa' ghaliex hu ma kienx maghhom dakinhar tal-*hold up*. In oltre jirrizulta li waqt l-allegati diversi nkontri li kellu ma' dawn it-tlieta min-nies, qatt ma kienu ddiskutew kwistjoni ta' armi, waqt li fil-*hold up* allegatament intuzaw xi armi. Jghid ukoll li hu qatt ma ha sehemu minn dan il-*hold up* u ghalhekk lanqas ma jista' jinghad li l-*hold up* sar mill-imputati w dawn tawh xi sehem mir-rikavat li setghu qalghu minn dan il-*hold up*. Il-Prosekuzzjoni naqset meta ma wrietx ritratti lil Gafa' sabiex jikkonferma min kienu dawn it-tlieta min-nies li huwa tkellem dwarhom bil-laqam. Addirittura lanqas ma nzammet *Identification Parade* u ghalhekk dawn it-tlieta min-nies qatt ma gew identifikati minn Gafa', la waqt l-investigazzjoni w lanqas fil-Qorti. Dan hu nuqqas tal-Prosekuzzjoni. Il-Prosekuzzjoni kienet taf b'dawn l-allegati ndizzji li seta' kellha sa minn stadju bikri hafna w cioe' fiz-zmien meta sehh il-*hold up* u kien qed jigi nvestigat u din il-Qorti ma tafx ghaliex il-Prosekuzzjoni kellha tistenna ghaxar snin sabiex tressaq lil dan ix-xhud biex jidentifika lill-malviventi.

Jidher ukoll li x-xhieda ta' Gafa' li addirittura seta' kien komplici, lanqas ma giet korroborata mill-ebda prova ohra - la materjali; la viziva w lanqas xjentifika.

Dwar il-prova xjentifika jirrizulta li kienu gew elevati mpronti digitali kemm minn fuq il-van Toyota Liteace involut fil-*hold up* li nstab abbandunat il-Marsa, kif ukoll fuq il-vettura Hyundai. Irrizulta wkoll li ttiehdu l-impronti digitali tat-tliet imputati, w b'digriet tal-Qorti kienet giet nominata Nathalie Zahra sabiex taghmel ezami komparattivi bejn l-impronti digitali tat-tliet imputati ma' dawk l-impronti li gew elevati kemm mix-xena tad-delitt, kemm mill-vann Toyota Liteace kif ukoll mill-Hyundai Accent.

Illi minn ezami tar-relazzjoni ta' Nathalie Zahra, esebita fl-atti a fol. 40 u mmarkata bhala Dok. NZ, jidher li din l-esperta ghamlet komparazzjoni bejn l-impronti li gew elevati mix-xena tad delitt - u cioe' bejn dawk l-impronti digitali li gew elevati mill-ufficini tas-socjeta' Valhmor Borg – u dawk mehuda lit-tliet imputati *seduta stante,* w li dawn **kollha** taw rizultat negattiv - u cioe' ma kien hemm l-ebda *match*.

Illi minn ezami tar-relazzjoni ta' Nathalie Zahra esebita fl-atti a fol. 127 u mmarkata bhala Dok. NZ 1, jidher li din l-esperta ghamlet komparazzjoni tal-impronti li gew elevati mill-van tal-ghamla Toyota Lite Ace numru tar-registrazzjoni FBO 385 u mill-vettura tal ghamla Toyoyta Hyundai Accent numru tar-registrazzjoni FBK 312 (Dok esebit fl-atti a fol. 72 tal-inkjesta), ma' dawk tat-tliet imputati elevati *seduta stante,* w irrizutlalha li ma kien hemm l-ebda *match* bejn l-impronti elevati mill-van ma' dawk tal-imputati filwaqt li kien hemm *match* bejn *lifter* mehud minn fuq il-Hyundai Accent li qabel mas-subgha l-werrej t'id il-leminija t'Alfred Degiorgio, mas-subgha tan-nofs u mas-subgha tac-curkett tal-id ix-xellugija t'Alfred Degiorgio biss. Jigifieri li l-unici *matches* li kien hemm kienu bejn l-impronti t'Alfred Degiorgio w dawk mehuda minn fuq il-vettura Hyundai Accent.

Illi bhala fatt ma jirrizultax li l-vettura Hyundai Accent, numru ta' registrazzjoni FBK 312 kienet intuzat fil-*hold up*, izda jirrizulta biss li din il-vettura kienet giet mikrija lill-istess Alfred Degiorgio b'mod regolari minghand Victor Agius, kif del resto xehed l-istess Agius fil-Qorti.

Illi dwar ix-xhieda *qua* impjegati tas-socjeta' derubata li ressqet il-Prosekuzzjoni, jinghad li hadd minnhom ma identifika lil xi imputat.

Ghaldaqstant din il-Qorti tiddikjara li l-akkuzi ma gewx provati w konsegwentement ghalhekk anke l-akkuza tar-recidiva fil-konfront ta' Vincent Muscat u Darren Debono ma tirrizultax.

Ghaldaqstat din il-Qorti wara li rat l-Arikoli tal-Ligi w cioe' l-**Artikoli 17, 31, 48A, 49, 50, 83A(1), 86, 87(1)(e), 261(a)(b)(c), 262(1)(a)(b), 263(b), 267, 275, 277(b), 279(b), 280(2) u 533 tal-Kapitolu 9 u l-Artikoli 5(1), 51(2) u 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ma ssibx lill-imputati DAREN DEBONO, VINCENT MUSCAT u ALFRED DEGIORGIO hatja u tilliberahom minn kull akkuza.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D., Dip. Matr. (Can)**
**Magistrat**